# IMHABBA FIN-NIRIEN!

Ta' Kelinu Vella Haber *(Lucerna)*

Kewkba tal-fakra, tħallinix għal dejjem
fit-tieqa t-tfajla nilmaħ ta' l-imħabba
bl-ilsna tan-nar imdawra minn fuq s'isfel
hemm f'dik id-dar qadima u bl-għajb imtabbgħa.

Hemmhekk il-ħum minflok id-daħk jinstemgħu,
ja kewkba, l-ħsejjes wit-tnehid wil-krib;
il-werqiet ta' kull xitla sfaru u waqgħu
wil-kiefra mewt naffret l-erwieħ tal-qrib.

M'għadhiex fit-tieqa dik il-qronfla ħamra,
ja kewkba, w-Anġolina m'għadhiex tħit:
għemara nibtet tal-beblux wil-ħerba;
m'għadhomx it-tazzi jħammru bl-aqwa nbid.

* * *

Anġolina niftakar dak leħnek—
k'en fih għaxqa jitliegħeb mar-riħ,
sidrek jofrogħ u moħħok f'Karmenu,
fl-għana tiegħu bil-balzmu ġo fih.

Kemm-il darba ma' zitek ilmaħtek,
armla mġenna mix-xewqa t'għarus!
Liż-żagħżugħ biex tisraqlek ta' mħabbtek
waslet fl-aħħar biex fniet il-karus.

Kemm-il darba li toqtlok hedditek
jekk Karmenu ma jħobbx lilha biss?!
Darba tħabtet biex toqtlok ġo soddtok:
fid-dlam ġietek f'kamartek inkiss.

Mur għid 'l ommok, żagħżugħa tal-ġenna,
illi zitek se' ġġibek fl-imrar :
Qatt ma kienet tħallik terġa' għal Malta
in-nar temmek fil-kesħa ta' Frar !

* * *

Miftehmin l-għarajjes ġodda
biex jaħarbu 'l bogħod il-bogħod......
qabel sebaħ ġenn qabadha :
Katerina bdiet tirtogħod.

U sidirha leħġa waħda,
qabdet l-armla fis iż-żjut,
'l Anġolina bihom raxxet.
tatha n-nar u ġriet għall-bjut !

Sakkret tajjeb hi u ħierġa.
Anġolina minnufih
kobba nar kollha kemm hija
qehret f'qagħda ta' bla ġieh !

Fost l-għajat instema' Karmnu :
"F'ideija aqbeż Anġolin" !
Waqgħet fl-art mit-tieqa u magħha
Karmnu ntemm ukoll fil-ħin.

* * *

Kewkba tal-fakra, fittex nessi l-ġrajja.
Kewkba tas-saħħa fittex qawwi r-ruħ :
Għax qatt l-imħabba ma ġiet hekk meqruda
f'miljet il-ħajja u taż-żgħożija l-ftuħ !

18-VIII-'43.